Hemm poeti li **jidealizzaw il-karatteristici tal-poplu Malti**, u hemm oħrajn li jikxfu n-nuqqasijiet u l-vizzji tal-istess poplu. Ikkummenta b'referenza għall-poeżiji li studjajt.

Bosta poeti esprimew il-ħsibijet tagħhom dwar il-karatteristiċi li jiddistingwu l-poplu Malti minn popli oħra. Dan għamluh permezz tal-poeżiji tagħhom, poeżiji li minħabba l-karatteristiċi komuni li għandhom jistgħu jitqiesu bħala xogħlijiet li jiddiskutu "l-identità tal-poplu." Il-poeti tradizzjonali jintilfu fit-tifħir minfuħ ta' xi episodji, elementi jew karattri erojċi fl-istorja ta' artna u jinsew il-problemi ġewwiena tagħna filwaqt li jpinġu l-poplu Malti bħala poplu bi kwalitajiet ideali. Min-naħa l-oħra, wara l-kisba tal-Indipendenza politika mill-Gran Brittanja fl-1964, il-poeti moderni għażlu li jikxfu d-difetti tal-poplu Malti u jesponu l-problemi u n-nuqqasijiet li jeżistu fis-soċjetà Maltija.

Fil-poeżija romantika l-poplu Malti jidher bħala poplu moralment tajjeb, kuraġġuż, magħqud, patrijottiku, ta' ħila kbira, reliġjuż u ta' fidi li ma tnin qatt. Dawn huma l-kwalitajiet li l-poeti romantiċi jridu jaraw fil-Maltin ta' żmienhom. Dun Karm jidealizza lill-poplu Malti f'"Il-Għanja tar-Rebħa," poeżija li tgħolli ġieħ il-Maltin fis-sehem li taw fl-Assedju l-Kbir tal-1565, u f'għamla ta' innu ċelebrattiv tigglorifika l-kwalitajiet idealizzati tal-poplu Malti, kwalitajiet li Dun Karm jarahom fil-karattru Malti tal-imgħoddi. Dun Karm jiddeskrivi l-Maltin bħala "ljuni" ħorox u nies li fihom jispikkaw il-qlubija u r-rieda soda meta jiġu wiċċ imb'wiċċ ma' periklu kbir. Il-poplu Malti huwa poplu patrijottiku, tant li l-aħħar Malti li "ġo qalbu dieħla / ħass ix-xafra qattiela" "għajjat ismek, ja Malta." Kwalità oħra tal-poplu Malti hija l-ħila, kwalità spiritwali li, b'kuntast mal-"imrammi tal-iswar" li jitkissru, ma tnin qatt. Dun Karm jiddeskrivi l-poplu Malti bħala poplu li meta tisfidah jingħaqad u jsir iżjed aggressiv. Meta t-Torok urew il-ħruxija tagħhom, il-Maltin mhux biss saru iżjed aggressivi, imma ngħaqdu iżjed flimkien, tant li anki n-nisa, li Dun Karm jiddeskrivi bħala "anġli ta' wens," joħorġu jagħtu sehemhom fil-gwerra. L-iżjed kwalità li tingħata importanza f'din il-poeżija, u f'bosta oħrajn, hija l-fidi reliġjuża ta' dan il-poplu li r-romantiċi jarawh bħala mimli tjubija u qdusija. Skont ir-romantiċi niesna kienu konvinti minn twemminhom u kienet din il-konvinzjoni li wasslithom għar-rebħa. F'dan is-sens Dun Karm, bħall-poeti romantiċi l-oħra, huwa kategoriku għax juri biss in-naħa t-tajba tal-poplu Malti u huwa poeta li jiddeskrivi, jew aħjar jippreskrivi, il-virtujiet ideali ta' dan il-poplu.

Il-metafora ta' Malta-omm tiġbor fiha ħafna mill-karatteristiċi li l-poeti tradizzjonali jagħtu lil Malta u l-poplu Malti. Malta hija l-omm għaqlija li lesta tagħmel kollox għal uliedha l-Maltin, tmexxihom bl-eżempju tagħha, tissagrifika

ruħha għalihom, tgħallimhom il-lingwa u r-reliġjon tagħhom, tieqaf magħhom fil-mumenti d-diffiċli, tgħaqqadhom f'familja waħda, u tagħtihom il-kuraġġ. F'"Lil Malta" Dun Karm jippreżenta poplu li għalkemm iħobb pajjiżi oħra, jerfa' l-imħabba inkondizzjonata tiegħu biss għal Malta, l-omm naturali u proprja tiegħu. Fil-poeżija "Lil Mikiel Anton Vassalli," Dun Karm jara lil Vassalli bħala figura storika magħrufa li l-poeta jużaha biex jirrappreżenta l-kwalitajiet ammirevoli li għandu jkollhom il-Maltin. F'din il-poeżija, Dun Karm jammira bosta kwalitajiet ta' Vassalli: kien studjuż kbir; kien kapaċi jesprimi tajjeb il-ħsibijiet tiegħu; kien bniedem kuraġġuż u patrijottiku; u fuq kollox kien l-ewwel Malti li kellu idea politika li l-poplu Malti għandu jkun indipendenti. Mikiel Anton Vassalli hu "Malti safi tassew!" u huwa l-mudell ideali li fuqu għandu jkun ibbażat il-karattru Malti.

Kemm il-poeti romantiċi kif ukoll il-poeti moderni jaraw ir-reliġjożità bħala wieħed mill-elementi ewlenin tal-identità Maltija. Fil-poeżija "Il-Ġgantija t'Għawdex" ta' Ġorġ Pisani joħorġu l-kwalitajiet tal-poplu primittiv li għalkemm għadu mhux Nisrani diġà huwa reliġjuż; huwa poplu magħqud, u l-għaqda tinħass l-aktar f'mument ta' kriżi meta, skont Pisani, il-poplu juri li hu lest jissagrifika l-isbaħ żmien ta' ħajtu għal pajjiżu.

Element fundamentali ieħor tal-identità Maltija kif sawruha r-romantiċi u kkonfermawha l-moderni huwa dak tal-ilsien Malti, tema li tidher kemm fil-poeżija li Dun Karm jiddedika lil Vassalli kif ukoll f'"Il-Kelma Maltija" ta' Anastasju Cuschieri. Il-lingwa Maltija tiġbor fiha u fl-istess ħin testernalizza x-xewqat, l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet ta' poplu. Il-poeti romantiċi, kif jidher f'dawn il-poeżiji, kollha jidealizzaw il-karatteristiċi tal-poplu Malti.

Minflok jidealizzaw lill-Maltin bħalma għamlu r-romantiċi fi żmien meta l-poplu kellu bżonn min jagħtih il-fiduċja biex jara lilu nnifsu bħala ġens bi storja, kultura u valur morali li jagħżluh minn popli oħrajn ikbar minnu, il-poeti moderni jenfasizzaw il-vizzji u n-nuqqasijiet ta' l-istess poplu. Dan jagħmluh mhux bl-iskop li jmaqdru u jiddegredaw lill-poplu Malti, iżda biex jesponu problemi soċjali u difetti fil-karattru Malti u b'hekk joħolqu kuxjenza ikbar u poplu iktar b'saħħtu kulturalment u moralment. Poeżija ta' dan it-tip hija "Lit-Tork," li fiha J. J. Camilleri jmeri u jikkundanna l-viżjoni romantika u dunkarmjana tal-bniedem Tork bħala għadu dejjiemi tal-Maltin. Flok l-idealiżmu romantiku li jittratta l-Maltin bħala perfetti, Camilleri jippreżenta realiżmu modern li jisħaq li anki t-Tork huwa bniedem bħan-Nisrani. F'din il-poeżija, Camilleri jixli lill-poplu Malti b'akkuża serja: dik li l-poplu huwa Kristjan fl-isem biss. Skont il-poeta, it-tifkira ta' "kull Settembru" hija ċelebrazzjoni ta' rebħa militari li taħbi fiha t-telfa tal-prinċipji nsara. Dan il-jum isir xhieda ta' kwalità tal-poplu Malti li tmur kontra l-prinċipji Kattoliċi – in-nuqqas ta' maħfra. Il-Vitorja hija l-fakra ta' mibegħda kontinwa tat-Tork. Skont J. J. Camilleri l-poplu Malti huwa poplu li baqa' jżomm f'qalbu minkejja li għaddew mijiet ta' snin mill-Assedju l-Kbir u poplu li ma jittollerax reliġjonijiet differenti minn tiegħu.

Camilleri jgħid li l-fatt li t-Tork huwa Musulman huwa r-raġuni għala "bagħduk għall-mewt missirijietna t-twajba." Mit-ton li jista' jinħass anki bħala ironiku ta' dan il-vers toħroġ ukoll karatteristika oħra tal-poplu Malti għax il-poeta qed jissuġġerixxi li missirijietna kienu moralment ħżiena. B'hekk, minn din il-poeżija toħroġ dehra pjuttost differenti tal-poplu Malti bħala ipokrita, li ma jaħfirx, li jobgħod, li ma jittollerax reliġjonijiet differenti minn tiegħu, poplu "bla ħniena" u fuq kollox poplu li "fl-għama" tiegħu, nesa li t-Tork huwa bniedem bħalu b'sentimenti u karatteristiċi simili għal tiegħu.

Iżda l-moderni jaraw ukoll lill-poplu Malti bħala nieqes minn ċerti valuri morali fundamentali f'mumenti oħrajn ta' ħajtu. F'"Abort" Daniel Massa jisħaq li mhuwiex "il-għana tat-tfal żgħar" li jikxef l-identità tal-poplu Malti, iżda "l-mewt tat-tfal żgħar." Il-poplu Malti huwa poplu b'mentalità magħluqa li jikkundanna nisa li jkollhom tarbija qabel iż-żwieġ. Din il-mentalità, flimkien mad-dnub tas-sess qabel iż-żwieġ li jmur kontra r-reliġjon nisranija, wasslitu għall-ikbar dnub: il-qtil ta' kreatura innoċenti. Dan huwa poplu qattiel, li mhux lest ibati l-konsegwenzi li ġab fuqu hu stess, u huwa poplu ta' mġiba reliġjuża ipokrita. Din l-ipokrezija fl-imġiba reliġjuża tidher ukoll fil-poeżija "Duluri - Purċissjoni Oħra" ta' Mario Azzopardi li juri lill-poplu Malti bħala poplu li jimxi mar-reliġjon biss fejn jaqbillu u poplu li, għalkemm minn barra juri li hu nisrani tajjeb, fil-verità l-ispiritwalità tiegħu qiegħda tnin u tintefa. Il-poplu Malti huwa poplu superfiċjali li jattendi ċerimonji reliġjużi għad-dehra biss.

Il-poeti moderni sikwit jipprotestaw kontra l-istituzzjonijiet u personalitajiet politiċi ewlenin tal-pajjiż. Il-poeżija "Illum Għaddejt" ta' Victor Fenech timplika li l-awtoritajiet Maltin f'sistema burokratika jagħlqu l-bieb f'wiċċ iċ-ċittadini u jnaqqsu l-opportunitajiet tagħhom; barra minn hekk, ixekklu liċ-ċittadini li jippruvaw iwettqu xi forma ta' progress li bih jaġġornaw u jimmodenizzaw il-pajjiż. Poeżija li tikxef il-vizzji tal-politiku Malti hija "Monologu mill-Gżira ta' l-Isponoż" ta' Daniel Massa. Bħal fil-poeproża "Samuraj" ta' Victor Fenech, il-politiku Malti jintwera bħala bniedem ta' ipokrezija politika, bniedem li huwa indifferenti lejn it-tbatija tal-ħaddiema, u l-kapaċità espressiva kbira tiegħu huwa nieqes mis-sinċerità. Hekk kif tiżviluppa l-poeżija, id-difetti tal-politiku jkomplu jinkixfu meta jibda jhedded, jiftaħar bl-espressjoni Ingliża tiegħu, jipprova jaqta' qalb iċ-ċittadini Maltin ambizzjużi u juża ħafna klixejiet politiċi biex jipprova jirriduċi l-fallimenti tiegħu. Minn dawn il-poeżiji naraw kif il-poeti moderni jiffukaw fuq in-nuqqasijiet u l-vizzji tal-poplu Malti biex joħolqu kuxjenza soċjali u kulturali ġdida li kapaċi tirriforma u ġġedded il-poplu.

Mill-poeżiji romantiċi u moderni joħorġu diversi elementi kostituttivi tal-identità tal-poplu Malti. Ir-romantiċi jpinġu poplu ideali waqt li l-moderni jenfasizzaw l-aspetti tal-identità Maltija li jeħtieġu riforma. B'hekk il-poeti moderni

jagħtu stampa ta’ poplu li għalkemm għandu kwalitajiet sbieħ u ideali, għandu n-nuqqasijiet u l-vizzji tiegħu.

**Ruth Ellul**
studenta tal-Malti tal-Ewwel Sena fil-Livell Intermedju

Ħajr lil Dr. Adrian Grima u Dr. Bernard Micallef